**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 01

Data tal-laqgħa: 2 ta' Lulju, 2019

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju 2019 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.15p.m. billi ntqalet it-talba.

**01/01** **Ħatra ta' Sindku**

**01/01/01** Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera Gauci jekk kinitx se taċċetta l-kariga ta' Sindku. Hija qablet u għaldaqstant aċċettat din il-kariga. Minn dan il-punt 'il quddiem hija mexxiet s-seduta.

**01/02** **Ħatra ta' Viċi Sindku**

**01/02/01** Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsilliera Hassan jekk kinitx se taċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Hija qablet u għaldaqstant aċċettat din il-kariga.

**01/03** **Għoti tal-ġuramenti tal-karigi ta' Sindku u Viċi Sindku**

**01/03/01** Il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Ian Micallef, li kien preżenti għal-laqgħa stieden lis-Sindku taqra d-Dikjarazzjoni, tiffirmaha u tbus is-salib.

**01/03/02** Imbagħad Dott. Micallef stieden lill-Viċi Sindku taqra d-Dikjarazzjoni, tiffirmaha u tbus is-salib.

**01/04** **Assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet tal-membri tal-Kunsill**

**01/04/01** Is-Sindku stqarret li kellha konsultazzjonijiet mal-kunsillieri kollha dwar ir-responsabilitajiet li tixtieq tassenjalhom. Hija spjegat li dawn ser ikunu mqassma kif jidher hawn taħt:

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **Helene Gauci – Sindku** | Proġetti, Qasam Soċjali, Strateġija u *Policy,* Patt tas-Sindki, Ambjent u l-Ippjanar, Amministrazzjoni ta' propjetà devoluta, l-innovazzjoni, kuntratti u ordni pubblika. |
| **Marilena Hassan – Viċi Sindku** | Anzjani, Kultura, Edukazzjoni, l-Integrazzjoni Soċjali, il-Ħarsien tal-Annimali, E-government, Programmi EU u l-Ambjent. |
| **Christopher Fenech - Kunsillier** | Ġonna Pubbliċi, Servizzi, Trasport Pubbliku, Tabelli u l-Infrastruttura. |
| **Abraham Aquilina - Kunsillier** | Żgħażagħ, Tfal, Komunitajiet u l-għaqdiet, Finanzi, Bye-laws, Traffiku, Attivitajiet u Rappreżentant fuq il-Kumitat Reġjonali. |
| **Carl Grech - Kunsillier** | L-Indafa, Sports u Attivitajiet Fiżiċi, Saħħa, Familja, Persuni bi bżonnijiet speċjali, u l-Latrina pubblika. |

**01/05** **Diskors mis-Sindku**

**01/05/01** Is-Sindku hawnhekk għamlet diskors qasir fejn fost oħrajn, hija rringrazzjat lir-residenti kollha talli għoġobhom jipparteċipaw fil-proċess elettorali u tal-fiduċja li wrew fiha kif ukoll fil-Kunsilliera. Hija appellat lill-Kunsill il-ġdid sabiex matul il-leġiżlatura kollha jinżamm rispett lejn xulxin u sabiex kulħadd jaħdem għall-aħjar tal-lokalità mingħajr l-interess politiku jew personali.

**01/06** **Ġranet u ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill**

**01/06/01** Kien hemm qbil unanimu li m'għandiex tinżamm ġurnata in partikolari għal-laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm qbil li possibbilment il-laqgħa għandha tinżamm fis-6:30pm.

**01/07** **Aġġornament**

**01/07/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. wara li l-*items* fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju 2019 fis-6:30p.m.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**